**Din mhix ħajja**

Hija din il-għajta li nisma'
Tvenven, tiġri ma' widnejja,
Hi għajta fgata w tant muġugħa
Li tibqa' tiġri, hawn, ħdejja.
Il-qalb titħalla, hemm tiġġerra
Issaqsi għall-qlub li jħennu,
Biex tispiċċa miċħuda, sula
B'ġerħietha idennu.

Għaliex dejjem tgħid l'int imħabbat?
Biex ħinek xorta qed taħlieh?
Għaliex tfisqi ġergħat l-imgħoddi
Mingħalik li b'hekk se tifdhieh?
U għax titkarrab għall-imħabba
Meta tagħlaqha għall-batut,
Li ried biss jiftaħ qalbu miegħek?
Ar'għamiltu stendut.

Għad baqagħlek ċans li tirranġa
Tgħallem ibda' għodd il-barkiet,
Għax b'hekk abbli x-xemx titbissimlek
Naqra naqra nfaħt għas-smewwiet.
It-tbissima tal-hena niżlet
Fuq wiċċek, sebħitu bil-kif,
Se tkun hi li tħarsek hekk siekta
Mill-biża tat-tiġrif.

Ħares fil-bogħod, daħħal fi kliemek
Imħabbtek lejn l-eternità,
Għax dik il-ħajja li ħa tibqa'
Din biss superfiċjalità.
Aħżen mela l-ħlewwa w is-sabar,
L-umiltà wara kull ġrajja,
Is-smiegħ, it-talb, l-għożża w l-maħfra
L-imħabba, din ħajja.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Novembru 2024.

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.